MT

SEJĦA GĦAL SERVIZZ

# KOORDINATUR TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-FINANZI

MA' TEATRU MALTA C/O ARTS COUNCIL MALTA

teatrumalta.org.mt

**Teatru Malta hija l-kumpanija nazzjonali Maltija tat-teatru.**

Qed infittxu li ningaġġaw persuna esperjenzata u entużjasta biex tagħti servizz ta' **Uffiċjal tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi** għal medja ta' 40 siegħa fil-ġimgħa, biex jappoġġjana fl-iżvilupp u t-twassil tal-programm artistiku ta' Teatru Malta billi jipprovdi l-proċessi amministrattivi koordinattivi meħtieġa, inkluż it-tħejjija u l-ipproċessar ta' talbiet għall-ksib, fatturi, kuntratti għal skopijiet ta' żamma ta' rekords u ż-żamma tal-baġit.

**L-Uffiċjal tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi** għandu jirrapporta lill-Kap tal-Produzzjonijiet.

**Bażi**
Kuntratt għal servizz għal massimu ta' 40 siegħa fil-ġimgħa.

**Ħlas**
€10/siegħa + VAT sa massimu ta' €15,600 + VAT f'sena

**Tul ta' Żmien**
Sena (1)

*Nomenklaturi li jindikaw il-ġeneru maskili jinkludu wkoll il-ġeneru femminili u mhux binarju.*

## Responsabbiltajiet ġenerali

Ir-responsabbiltajiet tal-Uffiċjal tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi jinkludu:

- L-abbozzar, it-tħejjija u l-ipproċessar ta' sejħiet għal xiri pubbliku għal skopijiet tat-twassil tal-programm artistiku ta' Teatru Malta skont id-direzzjoni tal-Kap tal-Produzzjonijiet, il-koordinazzjoni ta' proċessi ta' evalwazzjoni u rappurtar li jistgħu japplikaw;

- Il-monitoraġġ tal-proċeduri tax-Xiri Pubbliku u l-aderenza magħhom;

- L-ipproċessar ta' fatturi flimkien mad-dipartiment tal-finanzi rilevanti fi ħdan Arts Council Malta skont il-proċedura;

- Il-koordinazzjoni u l-ħidma ma' persunal amministrattiv ieħor fi ħdan Teatru Malta u Arts Council Malta biex ikun żgurat li l-ksib, il-fatturi u l-kuntratti jgħaddu miċ-ċikli xierqa b'mod effiċjenti skont ir-regolamenti;

- L-aġġornar kontinwu tar-rekords finanzjarji u tal-ksib, bl-użu ta' forom ipprovduti għal skopijiet ta' rappurtar u awditjar;

- L-identifikazzjoni ta' ineffiċjenzi jew xi mġieba ħażina fis-sistema tal-finanzi u l-ksib u l-għoti ta' suġġerimenti dwar azzjonijiet korrettivi li jkunu meħtieġa;

- Li jaġixxi bħala l-vuċi tal-entità u jiżgura li jinżammu relazzjonijiet tajbin mal-imsieħba u l-kollaboraturi kollha;

- Li jwettaq kwalunkwe kompitu ieħor skont id-direzzjoni tal-Kap tal-Produzzjonijiet jew rappreżentant tiegħu/tagħha.

- carry out any other duties as directed by the Head of Productions or his/her representative.

# Ħiliet u kompetenzi

L-applikanti għandhom, sad-data tal-għeluq tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, ikollhom fil-pussess tagħhom:

- Esperjenza ta' xogħol rilevanti, b'mod partikolari b'rabta mal-amministrazzjoni, hija meħtieġa. Esperjenza ta' xogħol b'rabta mal-ksib pubbliku u/jew il-finanzi ser tkun ikkunsidrata bħala vantaġġ;
- Ċertifikat relatat mar-rwol, bħal, imma mhux neċessarjament, fil-finanzi, fil-ksib, u/jew fil-ġestjoni (management) ser jiġi kkunsidrat bħala vantaġġ. Il-kwalifiki u l-esperjenza mniżżla għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikati u/jew testimonjanzi, u l-kopji tagħhom għandhom jiġu mehmuża mal-applikazzjoni;
- Għarfien tax-xena teatrali lokali kif ukoll tas-settur kulturali u kreattiv huma kkunsidrati bħala vantaġġ;
- Ir-rieda li jingħataw taħriġ regolari dwar il-politika tal-ksib pubbliku tal-Gvern kif ukoll dwar inċentivi u l-leġiżlazzjoni;
- Rekord tajjeb ta' xogħol li jitlesta fil-ħin skont id-data ta' skadenza;
- L-abbiltà li jistabbilixxu u jżommu relazzjonijiet pożittivi ma' varjetà ta' kollaboraturi u partijiet interessati;
- Għarfien proficjenti tal-Ingliż b'ħiliet komunikattivi eċċellenti fil-lingwa mitkellma u bil-miktub. Jekk l-għarfien tal-Malti jkun limitat, il-kandidat magħżul għandu jkollu r-rieda li jitħarreġ f'dan ir-rigward;
- Ħiliet eċċellenti tas-smigħ u interpersonali;
- Kapaċi jaħdmu kemm b'mod indipendenti kif ukoll bħala parti minn tim, b'attenzjoni għad-dettall.

↓ **Il-Fidwa tal-Bdiewa** (2022)
*Ritratt ta' Max Russ*



## Kundizzjonijiet ta' servizz anormali

- L-abbiltà li jaħdem taħt pressjoni.
- Jistgħu jkunu meħtieġa wkoll sigħat ta' xogħol wara l-ħinijiet normali tal-uffiċċju, għalhekk il-kandidat għandu jkun flessibbli li jaħdem matul tmiem il-ġimgħa u filgħaxijiet skont il-bżonnijiet tal-entità.

## Il-kuntratt

Il-kandidat magħżul se jingħata Kuntratt għal Servizz għal Sena (1).

Il-kandidat magħżul ser jirrispondi għall-Kap tal-Produzzjonijiet ta' Teatru Malta għal Arts Council Malta, u ser jopera b'sigħat flessibbli biex jilħaq id-domanda u r-rekwiżiti tal-pożizzjoni. Il-kandidat magħżul ser jintalab jaħdem skont ir-regoli u r-regolamenti tas-Servizz Pubbliku ta' Malta. Il-fornitur tas-servizz magħżul ser ikun responsabbli għat-tassazzjoni rilevanti u għall-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Il-ħlas huwa ta' EUR 14,400.00 (eskluża l-VAT iżda inklużi kwalunkwe taxxi jew tariffi oħra) kull sena għal 40 siegħa fil-ġimgħa mill-uffiċċju u/jew fuq il-post skont il-bżonn.

Il-ħlas ser jiġi pproċessat kull xahar minn Arts Council Malta wara r-riċevuta ta' fattura b'numru tal-VAT validu.

↓ **L-Għarusa** (2022)
*Ritratt ta' Elisa Von Brockdorff*



## Sottomissjoni tal-applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet, flimkien mad-dokumentazzjoni neċessarja, u Curriculum Vitae dettaljat għandhom jintbagħtu fuq **contact@teatrumalta.org.mt** sa mhux aktar tard minn nhar **it-Tnejn, 13 ta' Frar 2023,** f'nofsinhar.

L-applikanti għandu jkollhom numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT validu. Il-fornitur ta' servizz magħżul ser ikun responsabbli għall-kontribuzzjonijiet tat-tassazzjoni u għas-sigurtà soċjali kollha rilevanti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

L-applikanti eliġibbli ser jiġu mitluba jattendu għal intervista tal-għażla.